



Европейски парламент Parlamento Europeo Evropský parlament Europa-Parlamentet Europäisches Parlament
Euroopa Parlament Ευρωπαϊκό Κοινοβούλιο European Parliament Parlement européen Parlaimint na hEorpa
Europski parlament Parlamento europeo Eiropas Parlaments Europos Parlamentas Európai Parlament
Parlament Ewropew Europees Parlement Parlament Europejski Parlamento Europeu Parlamentul European
Európsky parlament Evropski parlament Europan parlamenti Europaparlamentet

IL-FOND TA' KOEŻJONI

Il-Fond ta' Koeżjoni twaqqaf fl-1994 u jipprovi finanzjament lil proġetti marbuta mal-qasam tal-ambjent u tan-networks trans-Ewropej fl-Istati Membri li għandhom introjtu nazzjonali gross per capita ta' inqas minn 90% tal-medja tal-UE.

IL-BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikolu 177 (b'mod partikolari t-tieni paragrafu tiegħu) tat-[Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea \(TFUE\)](#).

L-OBJETTIVI

Il-Fond ta' Koeżjoni twaqqaf bil-għan li tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni Ewropea fl-interessi tal-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli. Fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027 il-Fond jipprovi appoġġ lil:

- Investiment fl-ambjent, inklużi l-oqsma relatati mal-iżvilupp sostenibbli u l-enerġija li jippreżentaw beneficiċċi ambjentali;
- networks trans-Ewropej fil-qasam tal-infrastruttura tat-trasport (TEN-T);
- assistenza teknika.

Għall-proġetti li jaqdu l-objettivi tal-protezzjoni ambjentali tal-UE, il-Fond ta' Koeżjoni jista' jikkontribwixxi wkoll f'oqsma marbuta mal-iżvilupp sostenibbli, bħalma huma l-efċċjenza fl-użu tal-enerġija, l-enerġija rinnovabbli u – fis-settur tat-trasport, appartidak tan-networks trans-Ewropej – it-trasport bil-ferrovija, it-trasport fuq passaġġi fuq l-ilma interni, it-trasport bil-baħar, is-sistemi tat-trasport intermodali u l-interoperabbiltà tagħhom, il-ġestjoni tat-traffiku fit-toroq, tat-traffiku marittimu u tat-traffiku tal-ajru, it-trasport urban nadif u t-trasport pubbliku.

Il-Fond ta' Koeżjoni jiffinanzja [programmi](#) b'[responsabbiltà kondiviża](#) bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali fl-Istati Membri. L-Istati Membri jagħżlu liema [projekti](#) jiffinanzjaw u jieħdu r-responsabbiltà għall-ġestjoni ta' kuljum. Ir-regoli dwar kif għandhom jintużaw il-fondi huma stabbiliti fir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni.

IL-PAJJIŻI ELIĠIBBLI

Il-Fond ta' Koeżjoni huwa riżervat għal Stati Membri li għandhom introjtu nazzjonali gross (ING) per capita ta' inqas minn 90 % tal-medja tal-UE. Matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027, il-Fond ta' Koeżjoni pprovda appoġġ lil 15-il Stat Membru:



il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, iċ-Ċekja, I-Estonja, il-Greċja, I-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja u s-Slovenja.

IR-REGOLI BAĠITARJI U FINANZJARJI

Ir-regoli għall-Fond ta' Koeżjoni għall-perjodu 2021-2027 huma stabbiliti fir-[regolament](#) dwar il-Fond Ewropew għall-iżvilupp Reġjonali u dwar il-Fond ta' Koeżjoni. Il-Fond jappoġġa proġetti taħt l-għan “Investiment għat-tkabbir u l-impjieg”, prinċipalment għal proġetti ambientali u ta' infrastruttura tat-trasport, inklużi n-networks trans-Ewropej (TEN-T).

Ir-Regolament iżomm il-konċentrazzjoni tematika tal-politika ta' koeżjoni tal-UE. Il-Fond ta' Koeżjoni se jappoġġa żewġ objettivi speċifiċi: ekonomija aktar ekoloġika, b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u ċirkolari (I-Objettiv ta' Politika (OP2); u Ewropa aktar konnessa (OP3).

Il-politika ta' koeżjoni tistabbilixxi lista ta' attivitajiet li ma jistgħux jiġu appoġġati mill-Fond ta' Koeżjoni fil-perjodu 2021–2027. Din tinkludi d-dekummissjonar jew il-kostruzzjoni ta' impjanti tal-enerġija nukleari, infrastruttura tal-ajrupporti (ħlief fir-reġjuni ultraperiferiċi) u xi operazzjonijiet ta' ġestjoni tal-iskart (eż. landfill). Barra minn hekk, il-Fond ta' Koeżjoni ma jistax jappoġġa investiment f'akkomodazzjoni sakemm dan ma jkunx relatat mal-promozzjoni tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija jew l-użu ta' enerġija rinnovabbi.

Fil-perjodu 2021-2027, I-Unjoni Ewropea se talloka EUR 42.6 biljun (bil-prezzijiet tal-2018, jiġifieri f'termini tal-valur tal-munita fl-2018) għall-Fond ta' Koeżjoni, inklużi EUR 10 biljun għall-Faċilità Nikkollegaw I-Ewropa, li huwa programm ta' finanzjament tal-UE biex jappoġġa l-iżvilupp tal-infrastruttura trans-Ewropea f'oqsma bħat-trasport, l-enerġija u s-servizzi diġitali. Ir-rata ta' kofinanzjament tista' tilħaq massimu ta' 85% tal-valur tal-proġetti.

37% tal-allokazzjonijiet finanzjarji totali tal-Fond ta' Koeżjoni huma mistennija li jikkontribwixxu għall-objettivi klimatiċi tal-UE.

Allokazzjonijiet tal-Fond ta' Koeżjoni għall-perjodu 2021-2027 għal kull Stat Membru

Stat Membru	Baġit (f'miljuni ta' EUR)
Il-Bulgarija	1 467
Iċ-Ċekja	7 389
I-Estonja	952
Il-Greċja	3 508
Il-Kroazja	1 372
Ċipru	207
Il-Latvja	1 204
Il-Litwanja	1 645
I-Ungerija	3 015
Malta	192
Il-Polonja	10 750
Il-Portugall	3 946



Ir-Rumanja	4 094
Is-Slovenja	834
Is-Slovakja	1 868
Total	42 556*

* Inkluża l-assistenza teknika (EUR 114-il miljun).

Sors: Kummissjoni Ewropea, prezziżjet tal-2018.

IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Ir-regolamenti li jistabbilixxu l-politika ta' koeżjoni l-ġdida għall-perjodu 2021-2027 kienu soġġetti għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja, u l-Parlament kellu d-drittijiet kollha li jiproponi emendi. Dan ippermetta lill-Parlament iżid il-flessibbiltà tar-regoli proposti u jadattahom aħjar għall-ħtigġiġiet tal-Istati Membri.

Fir-riżoluzzjoni tiegħi tas-6 ta' April 2022 dwar il-bidu tal-implementazzjoni tal-politika ta' koeżjoni 2021-2027, il-Parlament innota l-COVID-19 bħala l-kawża ewlenja tad-dewmien fin-negozjati tal-politika ta' koeżjoni, li wassal għal-dewmien sussegwenti fl-adozzjoni tal-qafas leġiżlattiv għall-finanzjament 2021-2027. Il-Parlament ġeġżeq lill-Kummissjoni tressaq pjan ta' kontinġenza biex tindirizza t-tħassib possibbli ta' nuqqas ta' implementazzjoni minnħabba l-fatt li l-programm beda tard, filwaqt li beż-a' li jkun hemm tnaqqis fil-baġit fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss. Ir-riżoluzzjoni tenfasizza li d-dewmien fl-implementazzjoni tal-politika ta' koeżjoni 2021-2027 ixekkel il-kapaċità tal-Istati Membri li jirrispondu għall-kriżiġiet, inkluża l-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.

Għal aktar informazzjoni dwar dan is-suġġett, jekk jogħġibok ara s-sit web tal-Kumitat għall-İżvilupp Reġjonali.

Kelly Schwarz

04/2024

